MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta ta' l-1 ta' Marzu, 2010

Citazzjoni Numru. 460/2009

**Carmel Schembri u Carmen Schembri**

**-vs-**

**Phone Direct Limited**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fl-14 ta' Mejju 2009 li permezz tiegħu l-atturi ppremettew:

1. Illi in forza ta' skrittura datata 17 ta' Novembru 2004 l-atturi krew lis-soċjeta' konvenuta il-garaxx numru ħamsa (5), li jġib l-isem "Adrian", f' Tal-Ħandaq Road, Qormi, bil-kera u bil-pattijiet u kondizzjonijiet hemm elenkati nkluż klawsola sebgħa (7) li tipprovdi illi "Kemm-il darba l-inkwilini jonqsu li jħallsu l-kera dovuta għall-perjodu wieħed, jew ikunu morużi f'ammont ekwivalenti għal tlett xhur kera sa żmien xahar mid-data dovuta, is-

sidien ikollhom id-dritt unilateralment jitterminaw dan il-ftehim u jkollhom id-dritt li jitolbu l-iżgumbramenti tal-inkwilini ...”.

2. Illi in forza ta’ skrittura oħra datata sebgħa (7) ta’ Marzu 2005 l-atturi krew lis-soċjeta’ konvenuta l-garaxx numru sitta (6), li jġib l-isem “Claudia”, f’Tal-Handaq Road, Qormi, bil-kera u bil-pattijiet u kondizzjonijiet hemm elenkati nkluż klawsola sebgħa (7) li tipprovdi illi “Kemm-il darba l-inkwilini jonqsu li jħallsu l-kera dovuta għall-perjodu wieħed, jew ikunu morużi f’ammont ekwivalenti għal tlett xhur kera sa żmien xahar mid-data dovuta, is-sidien ikollhom id-dritt unilateralment jitterminaw dan il-ftehim u jkollhom id-dritt li jitolbu l-iżgumbrament tal-inkwilini ...”.

3. Illi s-soċjeta’ konvenuta tinsab morużi fil-ħlas tal-kera fuq iż-żewġ garaxxijiet *de quo* mill-iskadenza tal-1 ta’ Marzu 2008.

4. Illi għalhekk bis-saħħa ta’ klawsola 7 taż-żewġ kuntratti ta’ kera *de quo* l-atturi għandhom id-dritt li jitterminaw iż-żewġ kuntratti ta’ kera *de quo*.

5. Illi permezz ta’ ittra interpellatorja tas-17 ta’ April 2009 l-atturi avżaw lis-soċjeta’ konvenuta illi minħabba l-morożita’ fil-ħlas tal-kera kienu qed jinvokaw id-drittijiet lilhom mogħtija permezz ta’ klawsola 7 fiż-żewġ kuntratti fuq imsemmija u li kienu qed jitterminaw l-istess filwaqt li interpella lis-soċjeta’ konvenuta tiżgombra mill-istess żewġ garaxxijiet.

6. Illi s-soċjeta’ konvenuta baqgħet inadempjenti.

Tgħid għalhekk l-istess soċjeta’ konvenuta għaliex m’għandhiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara illi s-soċjeta’ konvenuta hija moruża fil-ħlas tal-kera dovuta taż-żewġ garaxxijiet fuq imsemmija f’aktar minn skadenza trimestrali waħda u li baqgħet hekk moruża għal aktar minn xahar bi ksur ta’ klawsola 7 fiż-żewġ kuntratti ta’ kera fuq imsemmija.

*2.* Konsegwentement tħassar u tirrexxindi ż-żewġ kuntratti ta’ kera *de quo.*

3. Tordna lis-soċjeta’ konvenuta sabiex fi żmien qasir u perentorju tiżgombra miż-żewġ garaxxijiet fuq imsemmija u ċioe’ Garaxx numru ħamsa (5) bl-isem “Adrian”, f’Tal-Ħandaq Road, Qormi, u Garaxx numru sitta (6) bl-isem “Claudia”, f’Tal-Ħandaq Road, Qormi.

Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-ittra interpellatorja tas-17 ta’ April 2009 kontra s-soċjeta’ konvenuta bid-diretturi tagħha inġunti għas-subizzjoni u b’riserva għall-azzjoni għad-danni spettanti lill-atturi kontra s-soċjeta’ konvenuta.

Rat illi s-soċjeta’ intimata debitament notifikata naqset li tippreżenta risposta ġuramentata;

Semgħet lill-avukati tal-atturi;

Billi għalhekk it-talbiet attrici huma ġustifikati;

**Tilqa’ l-istess talbiet kollha attrici;**

**Għall-fini tat-tielet talba tipprefiġġi terminu ta’ xahar.**

**Spejjez jithallsu mis-soċjeta’ konvenuta.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------